# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Joseph Refalo LL.D.Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju, 2002

## Avviz numru : 38/2000GT(JR)

**A.F. Ellis (Trading) Ltd.**

**vs**

**Tony Broekhuis**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz prezentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Awissu 2000 fejn inghad:**

**"Is-socjeta' attrici bieghet u kkunsenjat "water heater" tal-elettriku lill-konvenut fit-18 t'Ottubru 1999, liema "water heater" gie ffatturat fl-24 ta' Novembru 1999 bil-prezzz ta' erbghin lira (Lm 40) skond l-anness Dokument immarkat Dok. "A".**

**Il-konvenut allega illi dan il-"water heater" kien qed jirrendilu l-ilma f'ilma jinten izda meta ntalab illi jgib kampjun ta' l-istess ilma halli jigi mistharreg u jigi identifikat il-possibli kawza ta' dan kollu, il-konvenut irrifjuta u nsista illi m'hux se jhallas ghall-istess "water heater".**

**Il-konvenut ammetta illi kien analizza l-istess ilma u sab illi m'hemm l-ebda periklu ghas-sahha."**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fid-19 ta' Settembru 2000 fejn inghad:**

**"Illi qabel xejn l-esponenti jikkontesta li huwa xtara water heater minghand A.F. Ellis (Trading) Limited u ghalhekk hemm l-illegittimita' tal-persuna tas-socjeta' attrici.**

**Il-konvenut xtara water heater minghand is-socjeta' A.F. Ellis Limited.**

**Dan l-apparat gie stallat skond struzzjonijiet moghtija izda ma kienx jiffunzjona korrettement billi ghal ragunijiet inspjegabbli l-ilma kien ikollu rwejjah insopportabbli.**

**Illi l-esponenti ripetutament kiteb lis-socjeta' A.F. Ellis Limited sabiex din taghmel il-verifiki taghha izda l-ittri ta' l-esponenti ma gewx imwiegba. Finalment l-esponenti kien kostrett jakkwista water heater alternattiv.**

**It-talba tas-socjeta' attrici sabiex tiehu sample biex taghmel il-verifiki saret wara li kien gia inbidel il-water heater u ghalhekk kien impossibbli li tintlaqa'."**

**Sema' x-xhieda ta' Tony Broekhuis u Neeltje Cornelia Hemelaar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Fl-ewwel lok din il-kawza twalet izzejjed u l-attur baqa' ma tellghax il-provi tieghu.**

2. **It-Tribunal, wara li sema' lill-konvenuti, huwa tal-fehma li dawn kienu gustifikati li ma jhallsux lis-socjeta' attrici l-ammont riklamat, peress illi l-*water heater* li huma akkwistaw minghand is-socjeta' attrici ma kienx jiffunzjona tajjeb in kwantu l-ilma li kien johrog minnu kellu riha hazina, u ma kienx tajjeb ghall-uzu li ghalih kien intiz, anke jekk ma kien hemm ebda riskju ghas-sahha.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.**

**(ft) Joseph Refalo**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**